# Beati u Qaddisin....Ottubru

## San Geraldu ta’ Brogne  3 ta’ Ottubru

Nobbli minn Lomacensis, Geraldu, sa minn zoghzitu hass ix-xewqa li jidhol religjuz. Wara li ta bidu ghall-hajja monastika f'Saint Denis, hdejn Parigi, huwa waqqaf abbazija benedittina. Bniedem ta' virtu' kbira u patri ezemplari, maghruf hafna minn familji sinjuri tar-regjun fejn waqqaf il-monasteru, malajr gibed l-attenzjoni ta' hafna princpijiet li hadu pariri minghandu u sahansitra talbu l-ghajnuna biex il-monasterji li kienu qed ininu jergghu jiehdu l-hajja. Appostlu li ma kienx jaf x'inhi ghejja, kien jahdem b'zelu kbir biex jirriforma u jqajjem mill-gdid abbazija li kienu tista tghid mejta.    Miet gewwa Brogne fis-sena 959. Il-festa tal-qaddis tigi iccelebrata gewwa Namur, Gand u Liege. Il-qima lejh taf il-bidu taghha sa mis-sena 1131.